MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru 1004/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Bartolo**
**Spettur Chris Pullicino**
**V**

**KEVIN FENECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN FENECH** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Carmel u Maria nee Seychell, imwieled Pieta nhar s-sitta t'Ottubru 1983 u residenti 'Charmar', 22, Triq Dun Mikiel Cassar, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita numru 509083M kien gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 ghal habta tas-sebgha w kwart ta' filghodu waqt li kien ghal kacca gewwa ghalqa sitwata fi Triq Hajt il-Wied, Zejtun, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-mewt ta' Angelo Seychell miz-Zejtun.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibti fosthom l-process verbal redatt nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2006 mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna (fol 26 et seq tal-atti).

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Mejju 2007 (fol 223) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din l-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-hmistax ta' Jannar 2008 (fol 242).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2008.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta t'Ottubru 2006 **xehdu l-Brigadier Maurice Calleja flimkien ma PS 560 Joseph Farrugia** [fol 50] fejn esibew r-relazzjoni taghhom, in segwitu tad-digriet moghti mill-Magistrat Inkwerenti l-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006, bhala esperti fl-armi, li giet immarkata bhala Dok. MB. Flimkien ma din ir-relazzjoni esibew zewg snieter li gew immarkati bhala Dok. MB1, MB2, MB3, skartocc li gie migbur minn fuq is-scene of the crime li huwa identifikat fir-rapport taghhom u takka li nqalghet minn fuq il-vittma, wkoll indikata fir-rapport taghhom u zewg cartridges li sparaw miz-zewg snieter li elevaw u li gew esebiti lkoll mmarkati fir-relazzjoni taghhom. Spjegaw li mit-testijiet li ghamlu setghu jistabilixxu b'liema senter gie milqut il-vittma Angelo Seychell. Qal li meta gie sparat it-tir, il-kanna kienet kwazi qeghda tmiss ma gisem il-vittma u li dan gie milqut mis-senter Dok. CS 2 indikat fir-relazzjoni taghhom

li hu tal-ghamla Pietro Breda. Ikkonfermaw li s-senters in kwistjoni ma kienux difettuzi.

Illi nhar s-sitta t'Ottubru 2006 **xehed PS 1374 Edgar Dalli** [fol 59] fejn qal li 'n segwitu ghad-digriet moghti mill-Magistrat Inkwerenti l-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 u huwa gie nominat sabiex jiehu swabs minn fuq il-persuna ta' Angelo Seychell, detentur tal-karta tal-identita numru 820235M, Steve Camilleri detentur tal-karta tal-identita numru 277883M u Kevin Fenech detentur tal-karta tal-identita numru 509983M. Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. SOCO. Esebixxa wkoll flokk u qalziet li kien liebes Kevin Fenech dakinhar li hu hadlu l-i*swabings* li gew immarkati f'dokument separat kannella, SOCO 1.

Illi nhar s-sitta t'Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Chris Pullicino** [fol 67] fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghodu kien gie nfurmat mill-Control Room li kienet ghadha kif sehhet sparatura gewwa ghalqa z-Zejtun u wara li ndikawlu l-lokalita, telaq mid-dar immedjatament u mar hemmhekk. Fil-frattemp, zied jghid x-xhud, kellu xi nies fl-awkati ta' B'Bugia u cempililhom biex jaccedu fuq il-post qablu biex jippreserva x-xena kemm jista jkun malajr.

Qal li kif waasal fuq il-post sab lill-imputat Kevin Fenech flimkien ma xi nies ohra u f'nofs l-ghalqa osserva li kien hemm persuna ta' sess maskili, mixhuta ma l-art. Qal li minn dak li stabbilixxa fuq il-post, anke ma l-istess Kevin Fenech, dan mill-ewwel stqarr mieghu li xi hin, waqt li kienu go l-ghalqa ghall-kacca, ghajjatlu zijuh, talbu *thermos* u mar biex jehodlu t-*thermos* u f'idu l-ohra kellu is-senter, li kien qieghed ghall-kacca bih w eventwalment hekk kif resaq magenbu, u propju kien ser inewwillu l-kafe', hass l-arma tispara u ma jafx kif ra lil zijuh idur u jaqa ma l-art. Kevin Fenech qallu li dak l-hin mar fuq zijuh biex jara xi gralu, dawwru nehhielu n-nuccali minn ghajnejh, ghax kien kollu hamrija u <u>eventwalment induna li b'dak it-tir li hass f'idu, kien laqtu b'tir f'sidru lil zijuh</u>. Ix-xhud kompla jghid li fuq il-post gie stabbilit ukoll li kien

hemm certu Angelo Seychell, li jigi missier il-mejjet Angelo Seychell, peress li jisimhom it-tnejn l-istess. Qal li dan Angelo Seychell gie mitkellem u eventwalment anke rrilaxxja x-xhieda tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti u dak li kien qallu l-imputat Kevin Fenech, kien gie kollaborat minn dan Angelo Seychell ukoll.

Spjega li gie mitkellem ukoll certu Steve Camilleri, li kien ghall-kacca f'dura ohra fl-istess ghalqa fejn dan wkoll rrakkonta l-incident skond kif rah hu. Zied jghid li kien ukoll ma certu Mario Spagnol li dan kien qieghed go xi ghalqa vicin il-post ta' l-incident u l-imputat qabad lil dan Mario permezz ta' radio u qallu biex jghajjat ghal ambulanza ghax kien ghadu kif laqat lil zijuh bl-arma tan-nar, b'tir ta' arma tan-nar.

Eventwalment, zied jghid x-xhud, nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Settembru, l-imputat Kevin Fenech gie mitkellem u rrilaxxja anke stqarrija f'dan is-sens. Meta gie mistoqsi jekk is-senter kienx fuq is-*safety* tat-*trigger*, qal li ma kienx. Ix-xhd zied jghid li hu staqsieh ghalfejn, biex inewwel it-*thermos* lil zijuh kellu jiehu s-senter mieghi, u l-imputat qallu li peress li kienu fl-istess ghalqa, s-senter ma jhallieh qatt wahdu u li anke jekk jigu l-pulizija ta' l-ALE, johduhulu, jekk isibu s-senter *unattended*. Qal li staqsieh lil fejn kien qed izomm l-arma tan-nar u anke ghamel il-manuvra li gara dak il-hin quddiem il-Magistrat Inkwerenti gewwa kamra fid-depot, fejn indika li kien qed izomm l-arma l-isfel, pero x'hin staqsieh, kif jahseb li laqat lil zijuh go sidru, l-imputat baqa ma setghax jaghti spjegazzjoni ghal dan.

Ix-xhud esebixxa l-istqarrija li rrilaxxja Kevin Fenech, nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2006 mehuda minnu stess u mill-allura Ispettur Carmelo Bartolo, fejn fuqha gharaf il-firem tieghu, tal-allura Ispettur Carmelo Bartolo u ta' l-istess Kevin Fenech u dan wara li nghata s-solita twissija. Ix-xhud ikkonferma il-firem taghhom t-tlieta fuq kull faccata ta' l-istqarrija mmarkata bhala Dok. CP.

Esebixxa wkoll estratt mill-att tat-twelid ta' l-istess Kevin Fenech li gie mmarkat bhala Dok. CP 1 w l-fedina penali

netta ta’ l-istess imputat bhala Dok. CP 2. Stqarr li r-radio li kellu fuqu l-imputat dakinhar ta’ l-incident, gie elevat mis-SOCO u fil-presenza ta’ l-istess Magistrat Inkwerenti l-imputat kien spjega li kien fil-but tal-lemin tieghu u kien daqxejn ‘l barra, izda fl-ebda hin ma kien f’posizzjoni jghid kif is-senter ha. Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qal li kien qed izomm is-senter b’idu fuq il-bicca ta’ quddiem it-*trigger*.

Illi nhar s-sitta t’Ottubru 2006 **xehdet WPS 40 Isabelle Camilleri** [fol 78] fejn qalet li nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 2006 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta’ filghodu kienu gew infurmati mill-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun li kienu ghadhom kemm gew infurmati mill-isptar San Luqa li persuna maskili kien ghadu kemm gie milqut b’*shotgun* waqt li kien f’ghalqa fi Triq Hajt il-Wied Zejtun. Qalet li marru fuq il-post minnufih, hi u PC 1094 Arthur Fenech fejn hemm iltqaghu mal-ambulanza li kienet sejra mat-triq. Qalet li kif waslu fuq il-post indikat, raw lil Angelo Seychell, li kien jidher li ma kellux sinjali ta’ hajja u kien mitfugh fl-ghalqa.

Qalet li minn stharrig preliminari rrizulta li Angelo Seychell dak il-hin kien qed jahdem fl-imsemmija ghalqa u mieghu fl-istess ghalqa kien hemm missieru, wkoll Angelo Seychell, u n-neputi tieghu Kevin Fenech l-imputat odjern, kif wkoll familjari iehor certu Stephen Camilleri. Qalet li Kevin Fenech u Stephen Camilleri dak il-hin kienu qeghdin fl-imsemmija ghalqa ghall-kacca u f’mument minnhom il-vittma Angelo Seychell sejjah lin-neputi tieghu cioe lil Kevin Fenech biex inewwillu xi café u kif dan tal-ahhar telaq mid-dura li kien fiha biex inewwillu t-*thermos*, fid-daqqa u l-hin gara xi haga u s-senter tieghu hadlu. Ix-xhud esebiet l-okkorrenza mehuda minnha li giet immarkata bhala Dok. PS.

Illi nhar s-sitta t’Ottubru 2006 **xehed PC 1094 Arthur Fenech** [fol 83] fejn qal li jiftakar li nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 2006 kienu rcievew rapport mill-Control Room ghall-habta tas-sebgha w nofs u hamsa ta’ filghodu li kien hemm persuna li kienet giet milquta b’arma tan-nar

u dan fi Triq il-Wied Zejtun. Ghalhekk, zied jghid x-xhud, akkumpanjat minn WPS 40 Isabella Camilleri, marru fuq il-post u kif kienu resqin hemmhekk iltaqghu mal-ambulanza. Qal li minn stharrig preliminari li ghamlu fuq il-post, rrizulta li kien hemm xi familjari tal-vittma Angelo Seychell fuq il-post. Qal li ra wkoll lill-istess vittma Angelo Seychell wiccu 'l fuq go l-ghalqa f'nofsha, bla sinjali ta' hajja.

Illi nhar s-sitta t'Ottubru 2006 **xehdet WPC 191 Marika Borg** [fol 85] fejn qalet li hi giet mitluba sabiex taghmel ricerka fuq Kevin Fenech, detentur tal-karta tal-identita numru 509983M sabiex tghid jekk ghandux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm u jgorr arma tan-nar. Qalet li mir-ricerka li ghamlet, irrizulta li l-istess Kevin Fenech ghandu tali licenzja u esebiet kopja taghha li giet immarkata bhala Dok. WP.

Illi nhar l-hdax t'Ottubru 2006 **xehed AIC Richard Aquilina** [fol 90] fejn qal li wara li kien gie nominat fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna b'digriet tieghu tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 dwar il-mewt ta' Angelo Seychell b'tir ta' senter gewwa ghalqa fi Triq Hajt il-Wied Zejtun, kien jinsab f'posizzjoni li jesebixxi r-relazzjoni tieghu bhala Dok. RA. F'din r-relazzjoni hemm indikat fejn instab il-mejjet fl-ghalqa u xi affarijiet ohra relatati ghal kaz.

Illi nhar l-hdax t'Ottubru 2006 **xehed Angelo Seychell** [fol 99] fejn qal li l-incident in kwistjoni sehh fl-ghalqa tieghu f'Ta' Bjoli z-Zejtun. Qal li din l-ghalqa hija mqabbla ghandu. Spjega li meta wasal fl-ghalqa dakinhar, sab lit-tfal u cioe lill-imputat prezenti fl-awla Kevin Fenech u l-mejjet Angelo Seychell u dan kien ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu. Qal li meta wasal, lil imputat rah fid-dura filwaqt li l-mejjet Angelo Seychell kien qed jahrat. Qal li kien hemm wkoll habib tat-tifel, li ma kienx jaf ismu. Zied jghid li hu lestilhom il-hobz biex jiekluh u flixkun luminata u xi hin ghajjatlu t-tifel Angelo, u qallu biex innewwillu z-zerriegha tat-tursin u hu wiegbu li kien ser jizraghha, fil-fatt kienet f'idu, f'borza.

Qal li t-tifel Angelo dak l-hin qallu li kien ser jaghmel radda ohra. Kompla jghid li mbaghad hu ghajjat lil Kevin u qallu li kellu l-kafe lest u qallu sabiex igib ftit liz-ziju u cioe lit-tifel tieghi lil Angelo. Qal li meta wasal Kevin hdejn Angelo semgha tir pero hu ma harisx lejhom u wara ra lil ibnu jaqa ma l-art u mar biex jigbru pero ma felhux. Qal li jaf li Kevin kellu senter f'idejh.

Mistoqsi mill-Qorti jekk Kevin u t-tifel tieghu kienux miggielda, wiegeb li le, qatt ma kienu miggeldin. Rega' tenna li hu ra lil sieheb it-tifel u ma jafx li ra nies ohrajn. Qal li fid-dura l-ohra hemm zebbuga u ma setghax jara ezattament x'kien hemm.

Meta giet moqrija lilu x-xhieda li kien ta quddiem il-Magistrat ta' l-ghassa Dottor Joseph Apap Bologna nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006, li tinsab inserita fl-atti a fol 39 et seq, ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha.

In kontr' ezami ix-xhud, mistoqsi jekk tax kaz kif l-imputat kien qed izomm is-senter, wiegeb li ma tax kaz, ghax fil-fatt hu kien ser jaqbad iferrex iz-zerriegha. Qal li jaf li f'id wahda kellu *thermos* u fl-ohra kellu s-senter.

Illi nhar l-hdax t'Ottubru 2006 **xehdet Maryanne Seychell** [fol 102] fejn qalet li tigi mart il-mejjet Angelo Seychell. Qalet li dakinhar ta' l-incident zewgha kien telaq mid-dar bejn is-sitta w nofs w is-sebgha neqsin kwart ta' filghodu. Qalet li zewgha kien imur l-ghalqa sabiex jizra u anke jahrat l-ghalqa kuljum. Stqarret li zewgha ma kienx jahdem u kien jiehu certu pilolli, izda mhux dejjem. Qalet li qabel kien ibiegh il-hxejjex. Qalet li hemm kien jiltaqa ma missieru, l-imputat u xi hadd iehor li kien ikun l-ghalqa pero hi ma kienetx tkun maghhom. Qalet li zewgha pero ma kienx imur ghall-kacca, kien imur jonsob. Ikkonfermat li zewgha ma kellu l-ebda inkwiet mal-imputat li huwa t-tifel t'ohtu. Qalet li hi ma kienetx prezenti meta gara l-incident.

Meta giet moqrija lilha x-xhieda li hi tat lill-Magistrat ta' l-ghassa Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna nhar it-

tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 2006, li tinsab inserita fl-atti a fol 40 et seq, x-xhud ikkonfermatha fl-intier taghha.

Illi nhar l-hdax t’Ottubru 2006 **xehed Stephen Seychell** [fol 104] fejn qal li Kevin Fenech l-imputat prezenti fl-awla, jigi kugin t’ommu u huma hbieb hafna. Qal li dakinhar tal-incident hu kien cempel lil Kevin ghall-habta tal-hamsa w kwart ta’ filghodu u ftehmu biex jiltaqghu u hareg mid-dar ghall-habta tal-hamsa w nofs ta’ filghodu, biex jitlaqa mieghu fejn iltaqghu fejn l-isqaq ta’ fejn ghandu l-ghalqa u marru fl-ghalqa flimkien. Qal li waqfu fejn ir-razzett, gab xi haga mieghu u baqghu sejrin lejn id-dura. Qal li waqfu fejn id-dura fejn joqghodu s-soltu u hadu café hemmhekk. Qal li kien hemm kaccaturi ohrajn li bdew jisparaw u hu qal lil Kevin li kien ser imur jara x’kien hemm hdejn id-dura l-ohra u mar hemm wahdu.

Qal li dak l-hin, Kevin ma kienx mieghu. Stqarr li meta waqa ma l-art Angelo Seychell hu ma kienx hdejhom, kien fid-dura l-ohra w ghalhekk kif gie milqut dan Angelo Seychell hu ma setghax jghid. Qal li lil Kevin rah bit-*thermos* f’id wahda u s-senter fl-ohra, izomm is-senter l-isfel, jippuntah l-isfel. Qal li ra wkoll lil Kevin izomm is-senter mill-paletta, mhux mill-grillu. Zied jghid li meta ra li gara l-incident, nizel hdejn Kevin biex jara x’kien gara u ha is-senter minn idejn Kevin u pogga tieghu u ta’ Kevin, it-tnejn mal-hajt u dak il-hin Kevin dar fuqu u qallu ‘ma nafx x‘gara’. Qal li minnufih ghajjat ghall-ghajnuna fuq ir-*radio*, kien hemm ragel li tela biex jara x’gara u kif ra hekk cempel l-ambulanza.

Meta giet moqrija lilu x-xhieda li ta quddiem il-Magistrat ta’ l-ghassa Dottor Joseph Apap Bologna nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Dicembru 2006, ix-xhud iddikjara li dik hija l-verita kollha.

Mistoqsi jekk kellhomx xi radios maghhom dakinhar, wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li r-*radio* li kellu Kevin kellha antenna twila, liema *radio* jzommu fil-but. Spjega li l-*airial* ikun il-bicca l-kbira fuq in-naha ta’ barra. Qal li mhux l-ewwel darba li hu mar ghall-kacca u fil-fatt kien ilu jmur ghall-kacca ghal dawn l-ahhar sentejn.

Illi nhar l-hdax t'Ottubru 2006 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 107] fejn qal li esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MS. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jghid x'kienet il-kawza tal-mewt f'dan il-kaz, wiegeb li waqt l-awtopsja rrizulta li l-mejjet Angelo Seychell kellu biss ferita wahda, liema ferita hija l-istes wahda li ra fuq il-kadavru li ezamina fuq ix-xena tad-delitt u din kienet fuq in-naha tax-xellug tal-parti ta' fuq ta' sidru u hija kompatibbli ma *shotgun wound* u hija daqxejn ovali. Spjega li qabel ma saret l-awtopjsa ttiehdu l- X Rays u l- X Rays wrew li huwa kellu koncentrazzjoni ta' *pellets* fuq in-naha tax-xellug ta' sidru.

Illi nhar l-hdax t'Ottubru 2006 **xehed Mario Spagnol** [fol 143] fejn qal li dakinhar ta' l-incident hu kien ghall-kacca bhas-soltu. Qal li wasal fuq il-post ghall-habta tas-sitta w ghaxra ta' filghodu u kien hemm zewg gamimiet u semgha zewg tiri warajh. Qal li semgha wkoll tir w imbaghad minnufih semgha lill-imputat odjern, li bil-laqam qallu, "Bubu cempel naqra l-ambulanza", u staqsih ghaliex u l-imputat qallu '<u>ghax hadli s-senter</u>'. Ix-xhud zied jghid li dak il-hin qabad fuq ir-radju stess ghax in-numru ta' l-ambulanza ma kienx jafu u staqsa jekk kienx hemm xi hadd li jaf in-numru ta' l-ambulanza u tawhulu u cempel ghall-ambulanza sabiex imorru fil-limiti taz-Zejtun. Qal li wara mar fl-ghalqa taghhom u kif tela' staqsa x'kien gara u Kevin qallu 'mietli z-ziju'. Qal li hu m'ghandux kuragg u jaghtih hass hazin u ghalhekk mar lura. Qal li aktar tard ra l-ambulanza niezla mit-triq ta' Wied il-Ghajn, rega' cempililhom u tahom id-direzzjoni kif kellhom jaslu ghall-ghalqa.

Meta giet moqrija lilu x-xhieda li ta quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dottor Joseph Apap Bologna nhar it-tlieta w ghoxrinm ta' Settembru 2006 ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha.

Illi nhar l-hmistax ta' Novembru 2006 **xehed l-Ispettur Joseph Agius** [fol 152] fejn qal li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghodu, il-pulizija tad-distrett taz-Zejtun kienet rceviet

telefonata mll-isptar San Luqa li kien ghadu kemm sehh incident fejn kien hemm persuna ta' circa hamsin sena mejta wara li accidentalment kienet giet milquta minn tiri ta' senter mill-vicin. Qal li l-incident sehh gewwa ghalqa fi Triq Hajt il-Wied Zejtun. Spjega li hu beda bl-investigazzjoni tieghu u meta wasal fuq il-post sar jaf li l-vittma kien Angelo Seychell. Ix-xhud ikkonferma r-rapport li kien ghamel lill-Magistrat ta' l-ghassa, l-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006, inserit fl-atti a fol 30 w ikkonferma l-kontenut tieghu. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq dan l-istess rapport.

Illi nhar l-hmistax ta' Novembru 2006 **xehdu PS 1336 Jesmond Micallef flimkien ma PC 453 Brian Cassar** [fol 154] fejn esibew r-relazzjoni taghhom li tikkonsisti f'zewg faxxikoli, liema zewg relazzjonijiet gew immarkati bhala Dok. SOCO 1 u SOCO 2 rispettivament u dan wara li kienu gew nominati fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna b'digriet tieghu tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 bhala Scene of the Crime Officers, dwar il-mewt ta' Angelo Seychell b'tir ta' senter gewwa ghalqa fi Triq Hajt il-Wied Zejtun.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehdu Godwin Sammut u Joseph Belli** [fol 195] w ippresentaw u halfu r-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala Dok. GS u dan wara li kienu gew nominati fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna b'digriet tieghu tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 dwar il-mewt ta' Angelo Seychell b'tir ta' senter gewwa ghalqa fi Triq Hajt il-Wied Zejtun.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li nstabu particelli ta' *gun shot residue* fuq il-persuna ta' Angelo Seychell, Stephen Camilleri u l-imputat f'diversi partijiet ta' gisimhom.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed l-Maggur Noel Felice** [fol 248] fejn ikkonferma li l-imputat huwa membri fil-Korp tal-Pulizija bin-numru PC 993 u li beda l-ingagg tieghu fit-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2003.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2007 **regghu xehdu l-Professoressa Marie Therese Camilleri flimkien ma Doctor Safraz Ali** [fol 256] fejn esibew r-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala NEKRO u dan wara li kienu gew nominati fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna b'digriet tieghu tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 dwar il-mewt ta' Angelo Seychell b'tir ta' senter gewwa ghalqa fi Triq Hajt il-Wied Zejtun.

Illi huma kkonkludew li l-vittma Angelo Seychell miet bhala rizultat ta' *hypovolaemic shock following a gun shot wound*.

Illi nhar t-tletin ta' Lulju 2007 **xehed Doctor Michael Sammut** [fol 284] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu, li giet immarkata bhala Dok MM. Qal li skond ma rrizultalu, Angelo Seychell ma kellux livelli ta' alkohol u lanqas drogi jew medicini fid-demm tieghu u dan wara stqarr li kien gie nominat fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna b'digriet tieghu tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 dwar il-mewt ta' Angelo Seychell b'tir ta' senter gewwa ghalqa fi Triq Hajt il-Wied Zejtun.

Illi nhar l-hmistax ta' Jannar 2008 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 293] fejn qal li dakinhar tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2006 hu qam ghal habta tal-hamsa ta' filghodu peress li kien cempillu l-kugin tieghu, Stephen Camilleri u qallu li kien niezel lejn l-ghalqa li qeghda f'Wied Zejtun, naqra 'l isfel mid-dar fejn joqghod. Qal li peress li ma ghandux boghod, jinzel bil-mixi u fit-triq iltaqa mal-kugin. Qal li stennih jipparkja l-van u dahlu flimkien lejn l-ghalqa w hekk kif waslu, hu dahal, fetah il-bieb tar-remissa, hargu ic-cintorin, peress li kien doppju ma kienx igorru mieghu, u marru lejn id-dura li ghandu fir-rokna. Qal li kienu hu u Stephen Camilleri l-kugin tieghu. Stqarr li mxew fil-passagg lejn id-dura li ghandu fil-kantuniera fit-tarf ta' l-ghalqa. Zied jghid li Stephen gab it-*thermos* mieghu tal-kafe u hadu ftit kafe.

Qal li fil-hin li kienu qed jiehdu l-cafe', sparaw fl-ghalqa ta' fuqhom u l-kugin qallu li kien ser imur fid-dura tieghu u

mar god-dura li qeghda fuq il-borg faccata tieghu. Ix-xhud qal li hu baqa f'dik id-dura ghax hemmhekk joqghod u hemmhekk postu u ra liz-ziju diehel lejn il-bieb tar-remissa faccata tieghu, rah jiftah il-bieb tal-garaxx u ghalhekk induna li kien ser johrog il-mutur tal-hart. Qal li s-soltu qatt ma jifthu l-bieb. Spjega li dak il-hin li hareg il-mutur barra, ra lil nannuh gej u peress li kien ghamel operazzjoni fi rkuptejh, ma kienx nizel bil-van, kien nizel bil-mixi. Ra liz-ziju jistartja l-mutur u beda gej fid-direzzjoni tieghu pero mal-hajt ta' l-ghalqa tan-naha l-ohra, fejn kien hemm mizrugh iz-zebbug u beda jahrat. Qal li kif nizel isfel u rega' tela', rah waqaf bil-mutur gej lejh, jghajjatlu u jghidlu 'gibli naqra t-*thermos* Kevin'. Ix-xhud qal li dak il-hin hu kien qieghed fid-dura bil-qeghda, u kif ghajjatlu zijuh, qabad it-*thermos* f'id wahda u fl-ohra s-senter, li kien kkargat u beda mixi fid-direzzjoni tieghu. Qal li fuqu, apparti s-senter kellu r-*radio* li jitkellmu fuqu l-kaccaturi, li kien qieghed fil-but tal-lemin. Qal li r-*radio* jzommu fuqu ghax jekk tkun gejja xi haga lejk, jghajjtulek l-ohrajn. Qal li l-*airial* kien 'l barra mill-but w ir-*radio* ma kienx joqghod sewwa fil-but. Qal li s-senter, peress li hin il-kacca, mhux ser toqghod taghmlu *safe* dak il-hin, taghmlu *safe* meta tkun ser taghmlu mal-genb u tkun ser taghmel xi haga, ghax hin il-kacca mhux sr toqghod taqleb *safe*. Stqarr li hu ilu johrog ghall-kacca mindu kellu tmintax il-sena, minn meta gab il-licenzja u kien ilu jmur ma missieru min mindu kien ghadu zghir, kien immur il-kacca mieghu. qal li bhala licenzji ghandu ta' kollox, tal-kacca ta' fuq l-art, tal-kacca fuq il-bahar, tal-kacca tal-fenek, *to carry* u *to keep*, u kollox imhallas kif suppost. Stqarr li wara li sehh l-incident, qabad ir-*radio*, ghajjat lil ta' tahtu biex icempel l-ambulanza w imbghad ma jafx x'gara iktar. Qal li wara gew il-pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, li ma humiex kontestati, jirrizulta li l-vittma Angelo Seychell kien qieghed fl-ghalqa tieghu fi Triq Hajt il-Wied, Zejtun, jahdem b'xi mutur meta fid-daqqa w il-hin gie milqut minn tir t'arma tan-nar li kienet fil-pussess tan-neputi tieghu Kevin Fenech, l-imputat odjern. Jirrizulta wkoll minn ezami tax-xhieda mehuda a tempo

vergine tal-investigazzjoni, li l-imputat kellu *radio* fil-but tieghu bl-*airial* tieghu mahrug ‘l barra u senter f’idu mdendel ma gembu. L-imputat jghid li x’aktarx li l-grillu tas-senter qabad mal-*airial* u hadlu u spicca qatel lil zijuh. Ma jirrizultax li kien hemm xi tilwim qabel l-incident jew li l-imputat ippreveda din il-mewt.

Issa, ghalhekk huwa l-kompitu ta’ din il-Qorti tara jekk l-imputat kienx negligenti b’ghemilu f’dak li ghamel sabiex ikkawza l-mewt ta’ Angelo Seychell.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta’ Gunju 1976*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Angelo Polidano;**

*“Fil-kawzi kriminali ghal delitti kolpuzi, il-Qorti ghandha tara jekk kien hemm n-ness ta’ kawza w effett bejn l-att jew ommissjoni tal-akkuzat u l-event dannuz. Jekk imbaghad kienx hemm xi negligenza kontributorja da parti tad-danneggjata.”*

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta’ Jannar 1983*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard et**:

*“In materja t’omicidju kolpuz, kwalunkwe tentattiv biex jigi o meno stabbilit jekk persuna hiex awtomatikament ezenta mir-responsabbilita penali semplicement minhabba l-kwalita taghha, jkun ezercizzju li l-ligi stess, bit-terminologija wzata ma tridtx li jsir. L-ezercizzju li l-ligi taghna timponi, huwa biss l-ezami tal-operat tal-imputat li jkun biex jigi stabbilit kienx hemm da parti tieghu, xi att ta’ kommissjoni jew ommissjoni li tkkwalifika taht in-nuqqasijiet elenkati fl-artikolu 225(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u jekk dan in-nuqqas kienx kawza, anke jekk mhux l-unika wahda, tal-event dannuz.”*

Id-definizzjoni klassika tal-‘Colpa Criminale’, tibqa dik moghtija mill-**Carrara** (Vol 1 pt. Generale) b'dan il-kliem:

"*La volontaria ommissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e' prevedibbli del proprio fatto*" (para 8 pg. 114).

Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni tal-'Colpa Criminale':

"*Oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;*

*a. la volontarieta' dell'atto;*
*b. mancata previsione dell'effetto nocivo;*
*c. possibilita' di prevedere.*

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din:
*"La colpa e la volontaria mancanza di previsione delle conseguenze prevedibbli del proprio atto."* (pagna 228, para. 32.)

*"Tkun xi tkun d-definizzjoni tal-kolpa jibqa dejjem illi l-elementi taghha huma voluntarjeta tal-atti w in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief d-diligenza straordinarja, il-ligi ma tezigix u li se mai tista ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija."* [Vide **Il-Pulizija v John Vella** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Frar 1958***]

Gie rilevat fis-sentenza **Damato v Camilleri** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 1958***:
*"Il-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz, li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att voluntarju u jonqos li jipprevedi l-effetti dannuzi ta' dawk il-fatti li setgha jipprevedi dawk l-effetti. Il-prevedibilita, bhala distinta mill-previzjoni, sservi biex tiddetermina l-kolpa mid-dolo w il-konkors taghha jiddifferenzja l-kolpa mill-kaz fortuwitu li hu kostitwit minn att imprevedibbli w inevitabbli."*

Punt iehor interessanti u relatat ma dan il-kwistjoni hu, dak trattat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Lulju 1995*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Friggieri**, fejn gie ritenut li:

*"Fil-kamp ta' reati nvoluntarji, il-fatt li persuna tkun traskurata f'mumenti qabel incident, ma jfissirx li kien traskurat meta jigri l-fatt. Dak li l-prosekuzzjoni trid tipprova f'kaz ta reat involuntarju hu, li tirrikorri kondotta voluntarja negligenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita minn event dannuz involuntarju."*

Illi fil-kaz in dezamina, l-imputat kien sejjer lejn zijuh bit-*thermos* f'id wahda u bis-senter imdendel f'dirghajh. Gara li x'aktarx li l-grillu tas-senter qabad mal-*airial* tar-*radio* li kellu fil-but tieghu u hadlu bil-konsegwenza li Angelo Seychell gie milqut b'tir u miet.

Illi ghalhekk, dak li gara huwa biss incident sfortunat u zgur li ma garax ghal agir volut li wassal ghal incident in kwistjoni. Ma jirrizultax li l-imputat kellu xi kondotta hazina jew li kien imprudenti jew negligenti f'dak li ghamel.

Il-prosekuzzjoni donnha riedet tghid fit-trattazzjoni taghha li s-senter ma kienx fuq *safe mechanisim* u kien ghalhekk li nqala l-incident, minhabba traskuragni da parti tal-imputat.

Illi l-imputat verament kien ghal kacca w ghalhekk mhux desiderabbli jhalli s-senter fuq *safety catch* wara kull sparatura, ghaliex t-tajr jghaddi habta w sabta w ghalhekk s-senter irid ikun lest biex jigi sparat. Kien sfortunat li l-grillu kellu jaqbad mal-*airial* tar-*radio*. Zgur li sitwazzjoni bhal din ma hiex prevedibbli.

Ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 225 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat KEVIN FENECH hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------